MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 1471/2010/1

**Atlas Insurance Plc Ltd C 5601**

**Vs**

**Peter J.Conti Sant Manduca u Paul Spiteri fil-kwalita' taghhom ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Mdina u permezz ta' digriet ta'l-1 ta' Frar 2011, gie kjamat in kawa id-Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogholijiet.**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-22 ta' Frar, 2013 moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn iddecieda:

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Settembru, 2010 fejn talab illi l-kunsill intimat ghandu jigi misjub responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' elf mija u tnejn u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€1,152.14), rapprezentanti hsara u survey fees imhallsa mis-socjeta' rikorrenti, liema hsarat sehhew fil-proprjeta tal-assikurata ta' l-istess socjeta rikorrenti, ghal liema hsarat ghamlet tajjeb is-socjeta rikorrenti abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni. L-incident li sehh fit-2 ta' Ottubru, 2009 sehh unikament minhabba negligenza da parti tal-Kunsill intimat jew nies inkarigati minnu.*

*Ghaldaqstant il-Kunsill Intimat ghandu jigi kkundannat jahgmel tajjeb ghad-danni imsemmija fl-ammont mitlub jew somma verjuri bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess kunsill intimat.*

*Wara li l-konvenuti gew debitament notifikati pprezentaw risposta taghhom fid-29 ta' Ottubru, 2010 fejn eccepew illi t-talbiet tas-socejta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici , u dan stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort jew negligenza tal-Kunsill konvenut hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Fl-1 ta' Frar, 2011 saret it-talba ghall-kjamat in kawza tad-Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogholijiet ta' Legal Office, Works Division, Project House Floriana. Din it-talba giet milqugha u wara li d-Direttur Generali tat-Taqsima tax-xogholijiet gie debitament notifikat ipprezenta risposta fit-22 ta' Frar, 2011 fejn eccepixxa illi kwantu diretti kontra l-esponenti t-talbiet tas-socjeta' atttrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici stante illi l-incident imsemmi fl-avviz tat-talba ma garax minhabba xi negligenza imprudenza jew traskuragni da parti ta' l-esponent*

*hekk kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh u ttrattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ma jirrispondix ghad-danni.*

*Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kull allegat dannu ghandu jigi ppruvat skond il-ligi.*

*Fix-xhieda tieghu Alan Micallef in rapprezentanza tas-socjeta attrici spjega illi huwa claims executive mas-socjeta attrici. L-assikurata taghhom Marion Zammit li kellha home pack policy fuq il-proprjeta taghha 19 Saqqajja Hill rabat irrapurtat illi fil-maltempata ta' Ottubru 2009 dahhlilha hafna ilma fil-proprjeta.*

*Giet imqabbda Odette Farrugia sabiex taghmel investigazzjoni fuq il-post u wara li l-assikurata ressqet il claim il-partijiet waslu ghal-ftehim ta' elf u sebgha u erbghin ewro u erbatax-il centezmu (€1,047.14) li flimkien mal-ispejjez ta' mija u hames ewro (€105) tas-survey jammontaw ghas-somma mitluba ta' elf mija u tnejn hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€1,152.14)*

*Xehdet Odette Farrugia li ghandha l-kariga ta' surveyor. Hija giet inkarigata taghmel survey fil-proprjeta ta' Marion Zammit 19 Saqqajja Hill Rabat. Fis-survey taghha hija kellha tivverifika minn fejn kien dahal l-ilma u x'ikkaguna dan id-dhul ta' ilma. Irrizulta illi kienu qed isiru xi xogholijiet da parti tal-Kunsill Lokali Mdina u rrizulta li meta saru x-xogholijiet il-kuntrattur ghalaq il-bokka minn fejn jinzel l-ilma tax-xita liema bokka kienet fil-vicinanzi tal-proprjeta tal-assikurata Marion Zammit. Kien hemm ukoll drains ohra li kienu mal-medda u peress illi kien ittella l-livell tal-bankina tghatta l-maggor parti ta' dan id-drain u allura l-ilma li beda niezel ma setax ilahhaq . L-ilma ghalhekk beda diehel ghand Marion Zammit. L-ilma fil-fatt beda diehel mis-*

*saqaf u ghalhekk kien hemm is-suspett li kien gej mill-proprjeta ta' fuq. Pero wara li kien hemm spezzjoni rrizulta li kien gej mit-triq.*

*Fuq dawn il-hsarat u l-ispejjez ta' kuntrattur biex inizzel il-livell tad-drains l-ammont milhuq kien ta' elf u sebgha u erbghin ewro u erbatax il centezmu. Meta mistoqsija jekk waslitx personalment ghall-konkluzjoni li x-xogholijiet sar mill-Kunsill Lokali Mdina hija qalet li din l-informazzjoni tghathielha Marion Zammit. Mistoqsija jekk tafx meta tlestew ix-xogholijiet Odette Farrugia qalet li ma tistax tghid pero meta marret fit-2 ta' Ottubru, 2009 ix-xogholijiet kienu lesti.*

*Fix-xhieda taghha Marion Zammit ikkonfermat illi ghamlet il-claim peress illi gew mghottijja d-drains waqt xogholijiet u wara li-maltempata l-ilma dahal fil-proprjeta ta' taghha.*

*Fit-22 ta' Novembru, 2011 il-konvenuti u l-kjamat in kawza t-tnejn iddikjaraw illi ma kienux qed jikkontestaw l-ammont li jidher fuq r-ricevuti.*

*Paul Spiteri li xehed fit-21 ta' Mejju, 2012 ipprezenta dokument PS1 li juri li x-xogholijiet kellhom isiru b'joint venture bejn Ministry for Resources and Infrastructure u Mdina Local Council billi l-Kunsill Lokali Mdina kellu jixtri l-materjal u jhallas 30% tal-Labour costs.*

*Fid-dokumnet PS2 li huma l-minuti tal-laqgha 15 li saret fil-5 ta' Lulju, 2007 fil-paragrafu 3.01 gie dikjarat illi x-xogholijiet kien lest li jsiru mid-Dipartiment tax-Xogholijiet u li dawn kienu lesti wkoll li jixtru l-materjal.*

*Gew prezentati wkoll diversi dokumenti tal-ufficju meterjologiku mmarkati bhala Dok DG1.*

*It-Tribunal iqis illi mill-provi migjuba gie sodisfacentement ippruvat illi Marion Zammit garrbet hsarat minhabba ilma li dahlilha fil-proprjeta taghha. Gie ppruvat ukoll illi s-socjeta ta' insurance attrici hallset lill-assikurata taghha ta' dawn id-danni. S-socjeta attrici gabet ukoll provi permezz ta' survey report li dan id-dannu sehh minhabba li gew blukkati drains meta saru x-xogholijiet mid-Dipartiment kjamat in kawza.*

*Min-naha l-ohra l-konvenuti u l-kjamat in kawza ma gabu ebda prova sostanzjali biex jiddefendu x-xoghol maghmul minnhom jew taht responsabbilta taghhom. Ma ngiebux provi sostanzjali sabiex jikkontradixxu l-provi migjuba mis-socjeta attrici hlief rapport meterjologiku biex juri kemm nizlet xita liema rapport jittiehed f'Hal Luqa u ma jurix kemm precizament nizlet xita fir-Rabat.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa t-talbiet attrici u jichad l-eccezzjonijiet kemm tal-konvenuti kif ukoll tal-kjamat in kawza u solidum bejniethom jikkundannahom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u tnejn u hamsin ewro u erbatax il centezmu (€1,152.14) b'imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-konvenuti u l-kjamat in kawza."*

Illi minn din id-decizjoni intavolaw appell Peter Dei Conti Manduca u Paul Spiteri fil-kawlita taghhom ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv rispettivament tal-Kunsill Lokali Mdina, filwaqt illi l-intimat kjamat in kawza Direttur tax-Xogholijiet inqeda bl-appell intavolat sabiex ressaq l-appell incidentali tieghu.

Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti huma s-segwenti:-

Illi fis-snin 2006 – 2007 kienu saru xi xogħolijiet konsistenti f’pavimentar kif ukoll f’xogħolijiet infrastrutturali fiż-żona tas-Saqqajja li taqa’ taħt il-mansjoni tal-Kunsill Lokali appellanti. Għal dawn ix-xogħolijiet, il-Kunsill Lokali għażel it-tip ta’ pavimentar u l-materjal li kellu jintuza fix-xogħolijiet, kif ukoll ħallas għall-istess materjal, filwaqt illi l-Gvern Ċentrali ipprovda l-ħaddiema u implimenta l-proġett huwa stess.

Irriżulta illi meta kien qiegħed jitwettaq dan ix-xogħol, il-*culverts* antiki minn fejn kien jgħaddi l-ilma intraddmu jew tgħattew sew. B’hekk, inħolqot problema fejn jiskula l-ilma tax-xita.

Fil-lejl ta’ bejn l-1 u t-2 ta’ Ottubru 2009 għamlet maltempata bix-xita. Ġara illi l-ilma far għal ġod-djar, fosthom il-fond numru 19, Saqqajja Hill, Rabat, liema dar kienet assigurata mas-soċjetà appellata Atlas Insurance PCC Limited. L-ilma illi daħal għamel ħsara fl-għamara u fil-proprjeta imsemmija, ta’ Marion Zammit illi da parti tagħha għamlet *claim* mas-soċjetà assiguratriċi appellata.

Illi fit-2 ta’ Ottubru 2009 stess intbagħtet is-surveyor. Is-soċjetà assiguratriċi ħallset għal dan il-c*laim* u b’hekk ġiet surrogata fid-drittijiet ta’ Marion Zammit. Is-surveryor ikkonkludiet illi l-ilma kien daħal minn naħa ta’ wara tal-proprjeta ta’ Marion Zammit fejn hemm taraġ wieqaf minħabba li kienu tgħattew xi *drain holes* f’dan l-istess taraġ waqt xogħolijiet li kienu saru mill-*Construction and Maintenance Unit*.

Illi s-soċjetà appellata Atlas Insurance PLC Ltd  fittxet quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Żgħar lill-Kunsill Lokali appellanti għall-ħlas ta’ danni. Fil-kors tal-kawża ġie ikkjamat fil-kawża id-Direttur tax-Xogħolijiet.

Illi bis-sentenza hawn fuq ċitata s-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Mdina ħassuhom aggravati illi t-Tribunal sabhom responsabbli għad-danni sofferti mill-appellata in segwitu tal-inċident tat-2 ta' Ottubru 2009 meta ilmijiet tax-xita daħlu fil-proprjeta tal-assikurata tagħha Marion Zammit u ikkaġonaw ħsara, stante in-nuqqas ta' prova ta' xi negliġenza fil-konfront tieghu. Dan ghaliex isostni illi l-ħsara ma seħħitx b'xi tort tal-Kunsill iżda seħħet unikament tort ta' min għamel ix-xogħol ħażin u ċioe unikament tort tal-ħaddiema taħt il-mansjoni tad-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tax-Xogħolijiet. L-appellanti Kunsill Lokali jgħid illi huwa ma idderieġa l-ebda xogħol liema xogħol sar kollu mill Public Works, u jgħid illi l-uniku involviment tal-Kunsill kien li xtara il-materjal.

Minn naha tieghu, d-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tax-Xogħolijiet jilqa' ghal dina l-akkuza meta isostni illi minn meta tlestew ix-xogħolijiet in kwistjoni fit-turġien fis-Saqqajja u ċioe fis-7 ta' Mejju 2008 u meta seħħ l-inċident u ċioe fit-2 ta' Ottubru 2009 għadda perjodu ta' żmien li fih kien hemm diversi okkazzjonijiet meta għamlet ix-xita. Iżid illi li kieku l-ilma daħal kawża tax-xogħolijiet li saru, kien jidħol qabel u mhux sbatax-il xahar wara.

Illi qabel kull kwistjoni ohra li tattakka il-mertu ta' dana l-appell, il-Qorti trid necessarjament tinvesti l-pregudizzjali sollevata kemm mid-Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogħolijiet, kif ukoll mis-socjeta rikorrenti appellanti ghall-appell incidentali imressaq mill-kjamat in kawza, fejn jissollevaw l-irritwalita ta'l-appell u dana fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li jista' jsir appell minn decizjoni tat-Tribunal fl-erba' kazijiet biss hemm ikkontemplati. Li jfisser allura li l-ligi stess kienet teskludi appell lil din il-Qorti fuq apprezzament ta' fatt in kwantu dan mhux annoverat fost dawk ic-cirkostanzi li fihom kien permissibbli appell mis-

sentenza tat-Tribunal u dana meta l-ammont in kontestazzjoni ma jkunx jeccedi il-€1164.69. Jinsab dispost:

***Appell jista' jsir fil-każijiet li ġejjin:***

***(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;***
***(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;***
***(ċ) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);***
***(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.***

***(3) Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2), jaqbeż elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).***

Ghad-dritt tal-appell lil din il-Qorti, dak li jghodd hi s-somma reklamata fit-talba kontenuta fl-avviz. Jingħad illi l-ammont komplessiv mitlub fl-avviż u deciz ukoll fis-sentenza impunjata, huwa ta' elf mija u tnejn u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€1152.14) għaldaqstant inqas mill-ammont stipulat fis-subartikolu 3.  Jikkonsegwi illi ikun jezisti id-dritt ta' appell lil din il-Qorti skond it-termini tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 8.

"***Dan premess bhala konsiderazzjoni ta' indoli generali ghal kazijiet kollha, fil-kaz ta' appelli minn decizjonijijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tinsorgi problema ohra dettata mill-istess ligi li kkrejat dan it-tribunal specjali. Dan ghaliex ma jidherx li hu possibbli li jsir minn din il-Qorti ezercizzju ta' revizjoni tal-fatti jew li tissindika l-apprezzament dwarhom mit-Tribunal adit. Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami***

***akkurat tas-sustanza ta' l-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta' l-appellabilita` previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f'dawn il-parametri, allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li tiddkjara l-istess appell bhala irritu u null[1]***"

Gie deciz fl-istess vena:

"***hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi jkun irritu u null u ghandu jigi skartat minn dina l-Qorti. Inoltre ghandu jkun ukoll car mill-istess rikors tal-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizjoni tat-Tribunal in kwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost fl-artikolu 8 ta' l-istess Att Nru. V ta' l-1995***"[2].

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa mportanti illi d-disposizzjonijiet ta' l-Att V ta' l-1995 li jillimitaw id-dritt ta' appell ma jigux estizi indebitament kontra l-volonta' tal-legislatur. Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghal ezami akkurat tas-sustanza ta' l-appell biex jigi konsidrat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta' appellabilita' previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f'dawn il-parametri, allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li tiddikjara l-istess appell bhala irritu u null u dana in linja ma' dak dispost fil-ligi u mal-gurisprudenza hawn fuq iccitata.

Illi ma hemmx dubbju illi l-aggravvji sottomessi ghal gudizzju ta' din l-Qorti ma jitrattawx kwistjonijiet dwar gurisdizzjoni tat-Tribunal, jew fuq xi kwistjoni

---

[1] John Attard –vs- Charles Agius, Appell, 14 ta' Gunju 2001.

[2] Gasan Insurance Agency Limited noe –vs- The Cargo Handling Company Limited", Appell, 13 ta' Jannar 1999

ta’ preskrizzjoni. Allura il-Qorti sejra tara jekk huwiex ibbazat fuq allegat nuqqas ta’ tharis ta’ disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 7 (2) ta’ l-istess Att, jew inkella jekk it-Tribunal, b’mod gravi, marx kontra d-dettami tal-imparzjalita’ u tal-ekwita’ skond il-ligi u dik l-azzjoni ppregudikatx il-jeddijiet ta’ min appella. Illi l-artikolu 7(2) ta’l-Att jitkellem dwar zewg cirkostanzi li jistghu jinsorgu quddiem it-Tribunal u cioe’ l-kaz meta tigi issollevata difiza li tezorbita l-kompetenza tat-Tribunal u meta ikun hemm talba pendenti quddiem qorti, l-ezitu ta’ liema kawza, tista taffettwa id-decizjoni tat-Tribunal. Dawn iz-zewg cirkostanzi kjarament ma jiffigurawx f’dan il-kaz u lanqas jifformaw l-bazi ta’ l-aggravvji sollevati. Dan ghaliex il-lanjanzi mressqa kemm fil-appell principali, kif ukoll f’dak incidnetali kollha jikkoncentraw fuq l-apprezzament ta’ provi, jew in-nuqqas tieghu maghmul mit-Tribunal dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita ta’l-intimati u tal-kjamat in kawza ghall-incident mertu ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk in-nuqqas ta’ ness guridiku bejn l-event dannuz u l-azzjonijiet ta’l-appellanti u jekk ghandhomx kollha, jew uhud minnhom, jitqiesu fi htija ghal hsara subita mill-assikurata tas-soċjetà attriċi appellata.

Illi ma jirrizultax mid-decizjoni impunjata illi t-Tribunal, fl-apprezzament minnu maghmul mar kontra id-dettami tal-imparzjalita jew ivvjola il-principju ta’l-ekwita’. Fiz-zgur din il-Qorti hija prekluza milli tissindika l-apprezzament fattwali li jkun sar mit-Tribunal.  Maggorment, imbaghad, fejn fil-gudizzju impunjat it-Tribunal ma jkun esprima ruhu minn ebda vizjoni tad-dritt ekwitattiv imma jkun semplicement ezercita l-evalwazzjoni diskrezzjonali tieghu tal-fatti;

Premess dan, f’kull kaz din il-Qorti lanqas ma ssib illi t-Tribunal b’xi mod ippekka mill-perspettiva tad-dritt ekwitattiv, ankorke huwa bbaza r-*ratio*

*decidendi* tieghu fuq il-provi li kellu quddiemu u xejn izjed[3]. Il-Qorti ghalhekk, hija tal-fehma illi l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma hi ravvizzata fis-sentenza tat- Tribunal tant illi lanqas ma jidher illi xi hadd mill-partijiet ressaq xi ilment dwar l-istess fl-appelli intavolati mill-intimati u il-kjamat in kawza.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tilqa' l-ewwel pregudizzjali sollevata kemm mill-kjamat in kawza kif ukoll mis-socjeta rikorrenti appellata u konsegwentement tiddikjara kemm l-appell principali kif ukoll dak incidentali bhala irritwali u nulli u ghalhekk ma tiehux aktar konjizzjoni taghhhom.

Bl-ispejjez ghandhom jinqassmu b'mod ugwali bejn l-intimati u kjamat in kawza appellanti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Ara sentenza "**Rita Bihiga -vs- Adrian Busuttil**", 1 ta' Novembru, 2006 App.Inf.